# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION**
**ONOR. IMĦALLEF GRAZIO MERCIECA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 26 ta' Novembru, 2024.**

**Numru 13**

**Rikors numru 321/19/2 AF**

**APS Bank Limited (C 2192)**

**v.**

**Alfred Zarifa u Olena Zarifa**

Il-Qorti:

1. Dan hu appell minn kawża bil-giljottina miftuħa minn Bank b'talba għal kanonizzazzjoni ta' kreditu pretiż minnu.

2. L-Ewwel Qorti rat li:

(i) minkejja li ġie debitament notifikat, il-konvenut Alfred Zarifa baqa' ma deherx fil-Qorti;

(ii) dehret biss Olena Zarifa li talbet li tikkontesta l-kawża;

(iii) il-Qorti qieset li Olena Zarifa ma kellhiex eċċezzjonijiet xi tressaq;

(iv) il-kawża ġiet posposta għas-sentenza bid-dispensa tas-smigħ;

(v) it-talbiet tal-bank attur huma ġustifikati.

3. Għalhekk, permezz ta' sentenza mogħtija fit-30 ta' Mejju 2019, l-Ewwel Qorti ddeċidiet kif ġej:

> "(1) Tiddikjara li l-intimati, b'mod solidali bejniethom, huma debituri tas-soċjetà rikorrenti fis-somma komplessiva ta' mija u sittin elf disa' mija u seba' Ewro u tmienja u erbgħin ċentezmu (€160,907.48) in kwantu għas-somma ta' mija u sitta u ħamsin elf, seba' mija u għaxar Ewro u disa' u tletin ċenteżmu (€156,710.39) rappreżentanti bilanċ ta' debitu relattiv mal-'Loan Account' bin-numru 20001448314 u s-somma ta' erbat elef mija u sebgħa u disgħin Ewro u disa' ċentemzi (€4,197.09) rappreżentanti bilanċ ta' debitu relattiv mal-'Interest Disposal Account' bin-numru 36052810034 u dan oltre l-imgħax fir-rigward tal-'Loan Account' bin-numru 20001448314 mit-tnax (12) ta' Novembru tas-sena elfejn u tmintax (2018) sad-data tal-pagament effettiv.
>
> (2). Tikkundanna u tordna lill-intimati, b'mod solidali bejniethom, iħallsu lis-soċjetà rikorrenti s-somma komplessiva ta' mija u sittin elf disa' mija u seba' Ewro u tmienja u erbgħin ċenteżmu (€160,907.48)."

4. Billi l-konvenuti ħassewhom aggravati bis-sentenza, ippreżentaw dan l-appell.

5. **L-ewwel aggravju** hu li l-Art. 167 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, li abbażi tiegħu l-Ewwel Qorti laqgħet it-talbiet tal-Bank appellat mingħajr ma tathom opportunità li jressqu eċċezzjonijiet u jipproduċu provi, jiksrilhom id-dritt fundamentali għal smigħ xieraq kif protett taħt l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta).

6. Talbu li ssir ordni ta' riferenza għat-tenur tal-Artikolu 4(3) tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta) ta' dan l-ilment lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Kompetenza Kostituzzjonali).

7. Din il-Qorti tqis li dan l-aggravju messu tqanqal fil-qorti ta' prim'istanza, li kienet il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili. Din għandha l-kompetenza hi stess li tiddeċiedi dwar allegazzjonijiet ta' ksur kostituzzjonali. Il-fatt li l-ilment qiegħed jitqanqal għall-ewwel darba f'dan l-istadju juri biċ-ċar li l-iskop tiegħu huwa li jtawwal il-proċeduri bla bżonn. Mhux minnu li fil-proċediment in kwistjoni l-konvenut ma jingħatax l-opportunità li jsemma' leħnu. Kulma għandu jagħmel dan biex il-proċediment ma jibqax sommarju hu li jikkonvinċi lill-Qorti, fuq il-livell ferm baxx tal-*prima facie*, li għandu eċċezzjonijiet validi x'jagħti. Hekk sar f'dan il-każ fir-rigward tal-konvenuta Olena Zarifa. Fil-fatt hija mhix qed tallega li l-Qorti ma

semgħathiex biex tara għandhiex eċċezzjonijiet validi. Fil-każ tal-konvenut l-ieħor, dan lanqas biss deher għalkemm ġie notifikat u għalhekk wisq inqas mill-konvenuta jista' jqajjem ilment ta' nuqqas ta' smigħ xieraq.

8. Fil-kwadru taċ-ċirkostanzi msemmija, it-talba li toħroġ mill-ewwel aggravju hija waħda frivola u vessatorja u għalhekk qiegħda tiġi miċħuda.

9. **It-tieni aggravju** huwa li teżisti kwistjoni ma' soċjetà terza u ċjoè MPM Capital Investments Limited li minħabba l-aġir tagħha ċaħdet lill-bank milli jirċievi r-rikavat tal-bejgħ ta' titoli li kienu mirgħuna mill-appellanti favur il-Bank.

10. Kif sewwa rrileva l-Bank appellat, mhuwiex parteċipi fil-kawżi bejn l-appellanti u s-soċjetà terza MPM Capital Investments Limited msemmija fir-rikors tal-appell u fi kwalunkwe każ, tali kwistjonijiet bejniethom mhumiex fir-rigward tal-ammont mertu ta' dawn il-proċeduri odjerni, dovut mill-appellanti lill-bank. Il-kwistjoni msemmija mill-appellanti fir-rikors tal-appell tagħhom dwar is-soċjetà MPM Capital Investments Limited tidher li hi purament fir-rigward ta' waħda mill-garanziji mogħtija mill-appellanti lill-bank u mhux fir-rigward tal-ammont ta' kreditu dovut lill-bank mill-appellanti. Il-fatt li garanzija mogħtija mill-appellanti lill-bank ma ġietx onorata u mħallsa minħabba allegat aġir ta' terzi ma jeżonerax lill-

appellanti mill-obbligu tal-ħlas tal-ammont hekk iggarantit u għalhekk l-appellanti ma jistgħux jużaw bħala skużanti l-argument li d-dejn lill-bank kellu jitħallas permezz ta' garanzija partikolari. Dan m'għandux iwaqqaf lill-bank milli jikseb titlu eżekuttiv favurih fir-rigward tal-ammont dovut.

11. L-appellanti mhumiex jikkontestaw li l-ammont pretiż mill-bank huwa ċert, likwidu u dovut u għalhekk mhumiex qegħdin jikkontestaw it-talba. It-talba tal-Bank għall-kanonizzazzjoni tal-kreditu hija ġustifikata anke fid-dawl tal-fatt li ma jistax isarraf it-titli mirgħuna favurih minħabba l-aġir ta' terzi.

12. Lanqas it-tieni aggravju ma jista' jirċievi favur.

***Decide***

13. Għal dawn ir-raġunijiet, l-appell qiegħed jiġi miċħud u s-sentenza tal-Ewwel Qorti kkonfermata. Spejjeż taż-żewġ istanzi a kariku tal-appellanti.

Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef

Robert G. Mangion<br>Imħallef

Grazio Mercieca<br>Imħallef

Deputat Reġistratur<br>da